

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/585****tal-14 ta' Lulju 2016****li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-istandards u l-formati tad-dejta ta' referenza tal-istrumenti finanzjarji, u l-miżuri tekniċi marbutin ma' arranġamenti li għandhom isiru mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-awtoritajiet kompetenti****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar iswieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 27(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-fini ta' monitoraġġ effettiv tas-suq minn awtoritajiet kompetenti, id-dejta ta' referenza għall-istrumenti finanzjarji għandha tiġi rrapportata f'format konsistenti u skont standards uniformi.
- (2) Ir-rappurtar u l-pubblikazzjoni tad-dejta ta' referenza f'forma u format elettroniċi, li jinqraw mill-magni, u li jistgħu jitniżżlu jiffaċilitaw l-użu effiċjenti u l-iskambju ta' din id-dejta.
- (3) Il-wasla fil-pront tad-dejta ta' referenza, marbuta mal-istrumenti finanzjarji kollha li huma ammessi għan-negozjar jew li huma nnegozjati f'ċentru tan-negozjar jew permezz ta' internalizzatur sistematiku, tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) sabiex jiżguraw il-kwalità tad-dejta u l-monitoraġġ effettiv tas-suq, u b'hekk jikkontribwixxu għall-integrità tas-suq.
- (4) Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiki jissottomettu d-dejta ta' referenza kollha u b'mod preċiż, u li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu effettivament jirċievu u jużaw din id-dejta fil-ħin opportun, għandhom jiġu stabbiliti skedi taż-żmien xierqa għas-sottomissjoni. Għandu jitħalla żmien adegwat sabiex jiġu identifikati l-ineżattezzi jew il-lakuni li jkun fiha qabel il-pubblikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li d-dejta ta' referenza ppreżentata hija konsistenti mal-informazzjoni korrispondenti rrapportata skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, id-dejta ta' referenza fir-rigward ta' ġurnata partikolari għandha tintuża mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalidaw u jiskambjaw ir-rapporti tat-tranżazzjonijiet eżegwiti f'dik l-istess ġurnata.
- (5) Skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, min jibgħat u min jirċievi d-dejta ta' referenza jrid jiżgura l-wasla effettiva tagħha, l-iskambju effiċjenti u l-kwalità tad-dejta, u li hija koerenti mar-rapporti tat-tranżazzjonijiet korrispondenti previsti fl-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament. Iċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiki għandhom għalhekk jipprovdu dejta ta' referenza sħiħa u preċiża, u għandhom jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti dwar dejta identifikata bħala mhux kompluta jew mhux eżatta li tkun diġà ingħatat. Huma għandhom ukoll iżommu sistemi u kontrolli xierqa sabiex tingħata dejta ta' referenza preċiża, kompluta u fil-ħin opportun.
- (6) Għall-finijiet ta' użu effiċjenti u tal-iskambju tad-dejta ta' referenza, u sabiex jiġi żgurat li d-dejta ta' referenza hija koerenti mad-dejta korrispondenti mogħtija fir-rapporti ta' tranżazzjonijiet, iċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiki jridu jibbażaw l-identifikazzjoni ta' strumenti finanzjarji u tal-entitajiet legali, li għandhom jiddaħħlu fid-dejta ta' referenza, fuq standards uniformement aċċettati. B'mod partikolari, u sabiex jiġi żgurat li d-dejta ta' referenza taqbel mar-rapporti korrispondenti tat-tranżazzjonijiet, iċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiki għandhom jiżguraw li jiksbu l-kodiċi tan-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli f'konformità mal-ISO 6166, li jirrigwarda l-istrumenti finanzjarji li jkunu qed jiġu rrapportati, u li jkun inkluż fid-dejta rrapportata.
- (7) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 japplikaw mill-istess data.

<sup>(1)</sup> ĠUL 173, 12.6.2014, p. 84.

- (8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess mill-ESMA lill-Kummissjoni.
- (9) L-ESMA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

### **Kontenut, standards, forma u format tad-dejta ta' referenza**

Iċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiċi għandhom jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti kull dettall dwar id-dejta ta' referenza tal-istrument finanzjarju ("id-dejta ta' referenza"), imsemmija fit-Tabella 3 tal-Anness, li għandha x'taqsam mal-istrument finanzjarju kkonċernat. Id-dettalji kollha għandhom jiġu ppreżentati skont l-istandards u l-formati speċifikati fit-Tabella 3 tal-Anness, f'forma elettronika u li tinqara minn magna, u f'galvu komuni XML skont il-metodoloġija tal-ISO 20022.

#### Artikolu 2

### **L-għażla taż-żmien għall-għoti tad-dejta ta' referenza lill-awtoritajiet kompetenti**

1. Kull jum li jkunu miftuħin għan-negozju, iċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiċi għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti tagħhom, sad-21:00 CET, bid-dejta ta' referenza għall-istrumenti finanzjarji li huma ammessi għan-negozjar jew li huma nnegozjati, anki meta l-ordnijiet jew il-kwotazzjonijiet jitqiegħdu fis-sistema tagħhom qabel is-18:00 CET ta' dak inhar stess.
2. Meta strument finanzjarju jiġi ammess għan-negozjar jew jiġi nnegozjat, inkluż meta ordni jew kwotazzjoni jitqiegħedu għall-ewwel darba wara s-18:00 CET f'jum li fih iċ-ċentru tan-negozjar jew l-internalizzatur sistematiku jkun miftuħ għan-negozjar, id-dejta ta' referenza fir-rigward tal-istrument finanzjarju kkonċernat għandha tingħata sad-21:00 CET fil-jum ta' wara li fih iċ-ċentru tan-negozjar jew tal-internalizzatur sistematiku kkonċernat ikun miftuħ għan-negozjar.

#### Artikolu 3

### **Identifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u tal-entitajiet ġuridiċi**

1. Qabel ma jibda n-negozjar ta' strument finanzjarju f'ċentru tan-negozjar jew f'internalizzatur sistematiku, iċ-ċentru tan-negozjar jew l-internalizzatur sistematiku kkonċernati għandhom jiksbu l-kodiċi tan-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli ("ISIN") skont l-ISO 6166 għall-istrument finanzjarju.
2. Iċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiċi għandhom jiżguraw li l-kodiċi tal-identifikatur tal-entità ġuridika inkluż fid-dejta ta' referenza mogħtija jikkonforma mal-istandard tal-ISO 17442:2012, li jappartjeni għall-emittent ikkonċernat, u li huwa elenkat fil-bażi tad-dejta tal-Identifikatur Globali tal-Entitajiet Ġuridiċi ġestita mill-Unità Operattiva Ċentrali maħtura mill-Kumitat tas-Sorveljanza Regolatorja għas-Sistema ta' Identifikatur tal-Entità Ġuridika Globali.

#### Artikolu 4

### **Arranġamenti sabiex tiġi żgurata l-wasla effettiva tad-dejta ta' referenza**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw li d-dejta ta' referenza li huma jirċievu minn ċentru tan-negozjar jew minn internalizzatur sistematiku hija kompluta, kif ukoll li tikkonforma mal-istandards u mal-formati speċifikati fit-Tabella 3 tal-Anness.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

2. Wara li tasal id-dejta ta' referenza għal kull ġurnata li fiha ċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiċi jkunu miftuħin għan-negozju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw liċ-ċentri tan-negozjar u lill-internalizzaturi sistematiċi dwar kull lakuna fid-dejta u dwar kull meta ma tingħatax id-dejta ta' referenza sad-dati ta' skadenza stipulati fl-Artikolu 2.
3. L-ESMA għandha timmonitorja u tivvaluta li d-dejta ta' referenza li hija tirċievi mill-awtoritajiet kompetenti hija kompluta, u li d-dejta tikkonforma mal-istandards u mal-formati speċifikati fit-Tabella 3 tal-Anness.
4. Wara li tasal id-dejta ta' referenza mill-awtoritajiet kompetenti, l-ESMA għandha tinnotifikahom b'kull lakuna f'din id-dejta u dwar kull meta d-dejta ta' referenza ma ntbagħtitx sad-dati ta' skadenza stabbiliti fl-Artikolu 7(1).

#### Artikolu 5

### Arranġamenti sabiex tiġi żgurata l-kwalità tad-dejta ta' referenza

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu, mill-inqas fuq bażi trimestrali, valutazzjonijiet tal-kwalità rigward il-kontenut u l-preċiżjoni tad-dejta ta' referenza li tasal skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

#### Artikolu 6

### Metodi u arranġamenti għall-għoti tad-dejta ta' referenza

1. Liċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiċi għandhom jiżguraw li jagħtu dejta ta' referenza kompluta u preċiża lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom skont l-Artikoli 1 u 3.
2. Liċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiċi għandhom jistabbilixxu metodi u arranġamenti li jippermettulhom jidentifikaw id-dejta ta' referenza mhux kompluta u mhux preċiża li ġa tkun ġiet ippreżentata. Ċentru tan-negozjar jew internalizzatur sistematiku li jintebħu li d-dejta ta' referenza ppreżentata mhix kompluta jew preċiża għandhom minnufih jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tagħhom u jitrażmettu lill-awtorità kompetenti d-dejta ta' referenza rilevanti, kompluta u korretta, mingħajr dewmien żejjed.

#### Artikolu 7

### Arranġamenti għall-iskambju u għall-pubblikazzjoni effiċjenti tad-dejta ta' referenza

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu d-dejta ta' referenza kompluta u preċiża lill-ESMA kull jum sa mhux aktar tard minn 23:59 CET bl-użu ta' kanal ta' komunikazzjoni elettroniku sigur, stabbilit għal dan l-għan bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA.
2. Il-jum ta' wara li tasal id-dejta ta' referenza skont il-paragrafu 1, l-ESMA għandha tikkonsolida d-dejta li tasal minn kull awtorità kompetenti.
3. L-ESMA għandha tagħmel d-dejta kkonsolidata disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti kollha sat-08:00 CET fil-jum ta' wara li tasal bl-użu ta' kanali ta' komunikazzjoni elettroniċi siguri msemmijin fil-paragrafu 1.
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw id-dejta kkonsolidata rigward jum partikolari sabiex jivvalidaw ir-rapporti tat-tranżazzjonijiet rigward it-tranżazzjonijiet imwettqin f'dik il-ġurnata u rrapportati skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.
5. Kull awtorità kompetenti għandha tuża d-dejta kkonsolidata għal jum partikolari sabiex jiġu skambjati r-rapporti dwar it-tranżazzjonijiet ippreżentati f'dik il-ġurnata skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.
6. L-ESMA għandha tippubblika d-dejta ta' referenza f'forma elettronika, li tista' titniżżel u forma li tista' tinqara minn magna.

*Artikolu 8***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament japplika mid-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

\_\_\_\_\_

## ANNEX

Tabella 1

## Tifsiriet għat-Tabella 3

SIMBOLU	TIP TA' DEJTA	DEFINIZZJONI
{ALPHANUM-n}	Sa n karattri alfanumeriċi	Il-parti għat-test liberu.
{CFI_CODE}	6 karattri	Kodiċi CFI tal-ISO 10962
{COUNTRYCODE_2}	2 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż b'żewġ (2) ittri, kif definit mill-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alpha-2.
{CURRENCYCODE_3}	3 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-valuta bi 3 ittri, kif definit mill-kodiċi tal-valuta ISO 4217.
{DATE_TIME_FORMAT}	Il-format tad-data u tal-ħin skont l-ISO 8601	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Id-data u l-ħin fil-format li ġej: SSSS-XX-JJTh:mm:ss.dddddZ</li> <li>— "SSSS" hija s-sena;</li> <li>— "XX" huwa x-xahar;</li> <li>— "JJ" huwa l-jum;</li> <li>— "T" — tfisser li l-ittra "T" għandha tintuża</li> <li>— "hh" hija s-siegħa;</li> <li>— "mm" hija l-minuta;</li> <li>— "ss.ddddd" hija s-sekonda u l-frazzjonijiet tas-sekondi;</li> <li>— Z hija l-ħin UTC.</li> </ul> <p>Id-dati u l-ħinijiet għandhom jiġu rrapportati skont il-ħin universali koordinat (UTC).</p>
{DATEFORMAT}	Il-format tad-data skont l-ISO 8601	Id-dati għandu jkollhom il-format li ġej: SSSS-XX-JJ.
{DECIMAL-n/m}	Numru deċimali sa n figuri b'kollox li minnhom sa m figuri jistgħu jkunu deċimali	Spazju numeriku kemm għal valuri pożittivi kif ukoll għal dawk negattivi. <ul style="list-style-type: none"> <li>— is-separatur deċimali huwa "." (il-punt);</li> <li>— iċ-ċifri negattivi għandhom il-prefissi "-" (minus);</li> <li>— il-valuri huma arrotondati u mhux maqtugħa.</li> </ul>
{INDEX}	4 karattri alfabetiċi	<p>"EONA" — EONIA</p> <p>"EONS" — EONIA SWAP</p> <p>"EURI" — EURIBOR</p> <p>"EUUS" — EURODOLLAR</p> <p>"EUCH" — EuroSwiss</p> <p>"GCFR" — GCF REPO</p> <p>"ISDA" — ISDAFIX</p> <p>"LIBI" — LIBID</p> <p>"LIBO" — LIBOR</p> <p>"MAAA" — Muni AAA</p> <p>"PFAN" — Pfandbriefe</p> <p>"TIBO" — TIBOR</p> <p>"STBO" — STIBOR</p> <p>"BBSW" — BBSW</p> <p>"JIBA" — JIBAR</p> <p>"BUBO" — BUBOR</p>

SIMBOLU	TIP TA' DEJTA	DEFINIZZJONI
		"CDOR" — CDOR "CIBO" — CIBOR "MOSP" — MOSPRIM "NIBO" — NIBOR "PRBO" — PRIBOR "LBO"- TELBOR "IBO"- WIBOR "TREA"- it-Teżor "SWAP" — Swap "FUSW" — Swap tal-futuri
{INTEGER-n}	Numru sħiħ sa n figuri b'kol-lox	Spazju numeriku kemm għal valuri pożittivi kif ukoll għal dawk negattivi ta' numri sħaħ
{ISIN}	12-il karattru alfanumeriku	Kodiċi ISIN, kif definit f'ISO 6166
{LEI}	20 karattru alfanumeriku	Identifikatur ta' entità ġuridika kif definit f'ISO 17442.
{MIC}	4 karattri alfanumeriċi	Identifikatur tas-suq kif definit f'ISO 10383.
{FISN}	35 karattru alfanumeriku	Kodiċi FISM, kif definit f'ISO 18774

Tabella 2

**Klassifikazzjoni tad-derivattivi tal-kwoti ta' emissjonijiet u ta' komoditajiet għat-Tabella 3 (mill-parti 35 sa 37)**

Prodotti bażi	Prodotti sekondarji	Prodotti sekondarji oħra
"AGRI" — Agrikoli	"GROS" — Ċereali u żrieragħ żejtnija	"FWHT" — Qamħ tal-għalf "SOYB" — Fażola tas-sojja "CORN" — Qamħirrum "RPSD" — Żerriegħa tal-kolza "RICE" — Ross "OTHR" — Oħrajn
	"SOFT" -Komoditajiet Agrikoli	"CCOA" — Kawkaw "ROBU" — Kafè tat-tip Robusta "WHSG" — Zokkor abjad "BRWN" — Zokkor mhux raffinat "OTHR" — Oħrajn
	"POTA" — Patata	
	"OOLI" — Żejt taż-żebbuġa	"LAMP" — Żejt taż-żebbuġa lampante
	"DIRY" — Prodotti tal-ħalib	
	"FRST" — Forestrija	

Prodotti bażi	Prodotti sekondarji	Prodotti sekondarji oħra
	“SEAF” — Frott tal-baħar	
	“LSTK” -Annimali ħajjin	
	“GRIN” — Ċereali	“MWHT” — Qamħ għat-tħin
“NRGY” — Enerġija	“ELEC” — Elettriku	“BSLD” — Karga bażika “FITR” — Drittijiet finanzjarji ta’ trażmissjoni “PKLD” — Karga massima “OFFP” — Sigħat kwieti “OTHR” — Oħrajn
	“NGAS” — Gass naturali	“GASP” — GASPOOL “LNGG” — LNG “NBPG” — NBP “NCGG” — NCG “TTFG” — TTF
	“OILP” — Żejt	“BAKK” — Bakken “BDSL” — Bijodiżil “BRNT” — Brent “BRNX” — Brent NX “CNDA” — Kanadiż “COND” — Ikkondensat “DSEL” — Diżil “DUBA” — Dubaj “ESPO” — ESPO “ETHA” — Etanol “FUEL” — Fjuwil “FOIL” — Żejt kombustibbli “GOIL” — Żejt tal-gass “GSLN” — Petrol “HEAT” — Żejt għat-tisħin “JTFL” — Fjuwil tal-avjazzjoni “KERO” — Pitrolju “LLSO” — Light Louisiana Sweet (LLS) “MARS” — Mars “NAPH” — Nafta “NGLO” — NGL “TAPI” — Tapis “URAL” — Urali “WTIO” — WTI
	“COAL” — Faħam “INRG” -Inter Energy “RNNG” — Enerġija rinnovabli “LGHT” — Petrol ħafif tal-ewwel distillazzjoni “DIST” — Distillati	

Prodotti bażi	Prodotti sekondarji	Prodotti sekondarji oħra
“ENVR” -Ambjentali	“EMIS” — Emissjonijiet	“CERE” — CER “ERUE” — ERU “EUAE” — EUA “EUAA” — EUAA “OTHR” — Oħrajn
	“WTHR” — Temp “CRBR” — “Relatat mal-ka- bonju”	
“FRGT” — “Merkanzija”	“WETF” — merkanzija likwida	“TNKR” — Tankers
	“DRYF” — Merkanzija solida	“DBCR” — Trasportaturi ta’ merkanzija solida fi kwantità
	“CSHP” — Bastimenti tal-kon- tejners	
“FRTL” — “Fertilizzant”	“AMMO” — Ammonja “DAPH” -DAP (Fosfat tad-di- jammonju) “PTSH” — Potassa “SLPH” -Kubrit “UREA” -Urea “UAAN” — UAN (urea u nitrat tal-ammonju)	
“INDP” — Prodotti industrijali	“CSTR” — Kostruzzjoni “MFTG” — Manifattura	
“METL” — Metalli	“NPRM” — Mhux prezzjużi	“ALUM” — Aluminju “ALUA” — Liga tal-aluminju “CBLT” — Kobalt “COPR” — Ram “IRON” — Minerali tal-ħadid “LEAD” — Ċomb “MOLY” — Molibdenu “NASC” — NASAAC “NICK” — Nikil “STEL” — Azzar “TINN” — Landa “ZINC” — Żingu “OTHR” — Oħrajn
	“PRME” — Prezzjużi	“GOLD” — Deheb “SLVR” — Fidda “PTNM” — Platinu “PLDM” — Palladju “OTHR” — Oħrajn



Prodotti bażi	Prodotti sekondarji	Prodotti sekondarji oħra
“MCEX” — Komoditajiet varjati eżotiċi		
“PAPR” — Karta	“CBRD” — Kartun tal-kontenituri “NSPT” — Karta tal-gazzetti “PULP” — Polpa “RCVP” — Karta rkuprata	
“POLY” — Polipropilen	“PLST” — Plastik	
“INFL” — Inflazzjoni		
“OEST” — Statistika ekonomika uffiċjali		
“OTHC” — C10 oħra, kif definit fit-Tabella 10.1 tat-Taqsima 10 tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 (1).		
“OTHR” — Oħrajn		

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivattivi (ara paġna 229 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Tabella 3

### **Id-dettalji li għandhom jiġu rrapportati bħala dejta ta' referenza tal-istrumenti finanzjarji**

N.	QASAM	IL-KONTENUT LI GĦANDU JIĠI RRAPPURTAT	IL-FORMAT U L-ISTANDARDS LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAR-RAPPURTAR
<b>Oqsma Ġenerali</b>			
1	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument	Kodiċi użat għall-identifikazzjoni tal-istrument finanzjarju.	{ISIN}
2	Isem sħiħ tal-istrument	Isem sħiħ tal-istrument finanzjarju	{ALPHANUM-350}
3	Klassifikazzjoni tal-istrument	Tassonomija użata għall-klassifikazzjoni tal-istrument finanzjarju. Għandu jingħata Kodiċi tal-Klassifikazzjoni tal-Istrumenti Finanzjarji (CFI) sħiħ u preċiż.	{CFI_CODE}
4	Indikatur tad-derivattivi tal-komoditajiet jew tal-kwoti ta' emissjonijiet	Indikazzjoni dwar jekk l-istrument finanzjarju jaqax taħt id-definizzjoni tad-derivattivi tal-komoditajiet skont l-Artikolu 2(1)(30) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jew huwiex derivattiv marbut mal-kwoti tal-emissjonijiet li jissemew fit-Taqsima C(4) tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE.	“true” — Iva “false” — Le
<b>Oqsma relatati mal-emittent</b>			
5	Identifikatur tal-emittent jew tal-operatur taċ-ċentru tan-negozjar	LEI tal-emittent jew tal-operatur taċ-ċentru tan-negozjar.	{LEI}

N.	QASAM	IL-KONTENUT LI GĦANDU JIĠI RRAPPURTAT	IL-FORMAT U L-ISTANDARDS LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAR-RAPPURTAR
<b>Oqsma relatati maċ-ċentru</b>			
6	Ċentru tan-negozjar	Il-MIC tas-segment għaċ-ċentru tan-negozjar jew internalizzatur sistematiku, fejn disponibbli, inkella l-MIC operattiv.	{MIC}
7	L-isem fil-qosor tal-istrument finanzjarju	L-isem fil-qosor tal-istrument finanzjarju skont l-ISO 18774.	{FISN}
8	Talba għall-ammissjoni għall-kummerċ mill-emittent	Indikazzjoni dwar jekk l-emittent tal-istrument finanzjarju ikunx talab jew approva in-negozjar jew l-ammissjoni għall-kummerċ tal-istrument finanzjarju tiegħu f'ċentru tan-negozjar.	"true" — Iva "false" — Le
9	Id-data tal-approvazzjoni tal-ammissjoni għall-kummerċ	Id-data u l-ħin li l-emittent ikun approva l-ammissjoni għall-kummerċ jew in-negozjar fl-istrumenti finanzjarji tiegħu f'ċentru tan-negozjar.	{DATE_TIME_FORMAT}
10	Id-data tat-talba għall-ammissjoni tal-kummerċ	Id-data u l-ħin tat-talba għall-ammissjoni tal-kummerċ fiċ-ċentru tan-negozjar.	{DATE_TIME_FORMAT}
11	Id-data tal-ammissjoni għall-kummerċ jew id-data tal-ewwel kummerċ	Id-data u l-ħin tal-ammissjoni għall-kummerċ fiċ-ċentru tan-negozjar jew id-data u l-ħin meta l-istrument ġie nneozjat għall-ewwel darba jew meta waslet ordni jew kwotazzjoni għall-ewwel darba miċ-ċentru tan-negozjar.	{DATE_TIME_FORMAT}
12	Data tat-terminazzjoni	Fejn disponibbli d-data u l-ħin meta l-istrument finanzjarju ma jibqax jiġi nneozjat jew ammess għall-kummerċ fiċ-ċentru tan-negozjar.	{DATE_TIME_FORMAT}
<b>Oqsma relatati man-nozzjonal</b>			
13	Valuta nozzjonali 1	Valuta li fiha huwa ddenominat in-nozzjonal. Fil-każ ta' kuntratt għal rata tal-imgħax jew għal derivattivi tal-valuta, din tkun il-valuta nozzjonali tas-segment 1 jew il-valuta 1 tal-par. Fil-każ ta' opzjonijiet fuq swaps, meta s-swap sottostanti tkun b'valuta waħda, din tkun il-valuta nozzjonali tas-swap sottostanti. Għal opzjonijiet fuq swaps, meta s-swap sottostanti tkun b'diversi valuti, din tkun il-valuta nozzjonali tas-segment 1 tas-swap.	{CURRENCYCODE_3}
<b>Bonds jew forom oħra ta' oqsma relatati mad-dejn titolizzati</b>			
14	Ammont nominali totali maħruġ	Ammont nominali totali maħruġ f'valur monetarju.	{DECIMAL-18/5}
15	Id-data tal-maturità	Id-data tal-maturità tal-istrument finanzjarju. Il-parti tapplika għal strumenti ta' dejn b'maturità definita.	{DATEFORMAT}
16	Il-valuta tal-valur nominali	Il-valuta tal-valur nominali għall-istrumenti ta' dejn.	{CURRENCYCODE_3}
17	Il-valur nominali għal kull unità/il-valur minimu nneozjat	Il-valur nominali ta' kull strument. Jekk mhux disponibbli, imla bil-valur minimu nneozjat.	{DECIMAL-18/5}

N.	QASAM	IL-KONTENUT LI GĦANDU JIĠI RRAPPURTAT	IL-FORMAT U L-ISTANDARDS LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAR-RRAPPURTAR
18	Rata fissa	Ir-rata fissa tal-perċentwal tar-redditu fuq l-istrument tad-dejn meta jinżamm sad-data tal-maturità, espressa b'ħala perċentwal.	{DECIMAL-11/10} Espressa b'ħala perċentwal (pereżempju 7.0 tfisser 7 % u 0.3 tfisser 0,3 %)
19	Identifikatur tal-indiċi/tal-valur referenzjarju tal-bond b'rata varjabbli	Meta jeżisti identifikatur.	{ISIN}
20	Isem tal-indiċi/tal-valur referenzjarju tal-bond b'rata varjabbli	Fejn ma jeżisti l-ebda identifikatur, l-isem tal-indiċi.	{INDEX} Jew {ALPHANUM-25} — jekk l-isem tal-indiċi mhux inkluż fil-lista {INDEX}
21	It-terminu ta' żmien tal-indiċi/tal-valur referenzjarju tal-bond b'rata varjabbli	It-terminu ta' żmien tal-indiċi/tal-valur referenzjarju tal-bond b'rata varjabbli It-terminu ta' żmien għandu jiġi espress f'jiem, ġimgħat, xhur jew snin.	{INTEGER-3}+"DAYS" — jiem {INTEGER-3}+"WEEK" — ġimgħat {INTEGER-3}+"MNTH" — xhur {INTEGER-3}+"YEAR" — snin
22	Firxa tal-Punt Bażi tal-indiċi/tal-valur referenzjarju tal-bond b'rata varjabbli	L-għadd ta' punti bażi fuq jew taħt l-indiċi użat għall-kalkolu tal-prezz.	{INTEGER-5}
23	Superjorità tal-Bond	Identifika t-tip ta' bond: dejn superjuri, intermedju, subordinat jew ta' grad inferjuri.	"SNDB" — Dejn Superjuri "MZZD" — Intermedju "SNDB" — Dejn Subordinat "JUND" — Dejn ta' grad inferjuri

#### Oqsma relatati mad-derivattivi u mad-derivattivi titolizzati

24	Data ta' skadenza	Data ta' skadenza tal-istrument finanzjarju Il-parti tapplika għal derivattivi b'data ta' skadenza definita.	{DATEFORMAT}
25	Multiplikatur tal-prezzijiet	L-għadd ta' unitajiet tal-istrument sottostanti rrappreżentati minn kuntratt ta' derivattivi wieħed. Għal xi futur jew għal opzjoni fuq indiċi, l-ammont għal kull punt ta' indiċi. Għall-ispekulazzjonijiet fuq il-firxa (spreadbets), il-moviment fil-prezz tal-istrument sottostanti li fuqu hija bbażata l-ispekulazzjoni fuq il-firxa.	{DECIMAL-18/17}
26	Kodiċi tal-istrument sottostanti	Kodiċi ISIN tal-istrument sottostanti. Għall-ADRs, il-GDRs u l-istrumenti simili, il-kodiċi ISIN tal-istrument finanzjarju li fuqu jkunu bbażati dawn l-istrumenti. Għal bonds konvertibbli, il-kodiċi ISIN tal-istrument li fih jista' jiġi kkonvertit il-bond. Għal derivattivi jew strumenti oħra li jkollhom sottostanti, il-kodiċi ISIN tal-istrument sottostanti, meta dan ikun ammess għall-kummerċ jew innegożjat f'ċentru tan-negożjar. Meta s-sottostanti jkun dividend tal-istokk, allura jiġu indikat il-kodiċi ISIN tal-ishma relatati li jagħtu dritt fuq id-dividend sottostanti.	{ISIN}

N.	QASAM	IL-KONTENUT LI GĦANDU JIĠI RRAPPURTAT	IL-FORMAT U L-ISTANDARDS LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAR-RAPPURTAR
		<p>Għal Swaps ta' Inadempjenza ta' Kreditu, għandu jingħata l-ISIN tal-obbligu referenzjarju.</p> <p>F'każ li s-sottostanti jkun Indiċi u jkollu ISIN, il-kodiċi ISIN għal dan l-indiċi.</p> <p>Meta s-sottostanti jkun basket, daħħal l-ISINs ta' kull kostitwent tal-basket li jkun ammess għall-kummerċ jew li jkun in-negozjat f'ċentru tan-negozjar. Il-partijiet 26 u 27 għandhom jiġu rrappurtati kemm-il darba jkun meħtieġ sabiex jiġu elenkati l-istrumenti kollha fil-basket.</p>	
27	Emittent sottostanti	F'każ li l-istrument jirreferi għal emittent, aktar milli għal strument uniku, il-kodiċi LEI tal-emittent.	{LEI}
28	Isem l-indiċi sottostanti	F'każ li s-sottostanti jkun Indiċi, inidka l-isem tal-indiċi.	{INDEX} Jew {ALPHANUM-25} — jekk l-isem tal-indiċi mhux inkluż fil-lista {INDEX}
29	It-terminu ta' żmien tal-indiċi sottostanti	F'każ li s-sottostanti jkun indiċi, it-terminu ta' żmien tal-indiċi.	{INTEGER-3}+"DAYS" — jiem {INTEGER-3}+"WEEK" — ġimgħat {INTEGER-3}+"MNTH" — xhur {INTEGER-3}+"YEAR" — snin
30	Tip ta' opzjoni	Indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt tad-derivattivi huwiex call (id-dritt ta' xiri ta' assi sottostanti speċifiċi) jew huwiex put (id-dritt tal-bejgħ ta' assi sottostanti speċifiċi), jew jekk ma hux possibbli li jiġi ddeterminat huwiex call jew put fil-ħin tal-eżekuzzjoni. F'każ ta' opzjonijiet fuq swaps ikun: <ul style="list-style-type: none"> <li>— "Put", fil-każ ta' opzjonijiet fuq swaps tar-riċevitur, fejn ix-xerrej ikollu dritt li jidħol fi swap bħala riċevitur b'rata fissa.</li> <li>— "Call", fil-każ ta' opzjonijiet fuq swaps tal-pagatur, fejn ix-xerrej ikollu dritt li jidħol fi swap bħala pagatur b'rata fissa.</li> </ul> F'każ ta' limitu massimu u limitu minimu tkun: <ul style="list-style-type: none"> <li>— "Put", fil-każ ta' limitu minimu.</li> <li>— "Call", fil-każ ta' limitu massimu. Il-parti tapplika biss għal derivattivi li jkunu opzjonijiet jew warrants.</li> </ul>	"PUTO" — Put "CALL" — Call "OTHR" — fejn ma jistax jiġi ddeterminat jekk huwiex "call" jew "put"
31	Prezz tal-eżerċitar	Prezz predeterminat li fih id-detentur ikollu jixtri jew ibigħ l-istrumenti sottostanti, jew indikazzjoni li l-prezz ma jistax jiġi ddeterminat fil-mument tal-eżekuzzjoni. <p>Il-parti tapplika għal opzjonijiet jew għal warrants fejn il-prezz tal-eżerċitar ikun jista' jiġi ddeterminat fil-mument tal-eżekuzzjoni.</p> <p>Meta l-prezz ma jkunx disponibbli dak il-ħin iżda jkun pendenti, il-valur jkun "PNDG".</p> <p>Meta l-prezz tal-eżerċitar ma jkunx applikabbli, il-parti ma timtelix.</p>	{DECIMAL-18/13} fil-każ li l-prezz jiġi espress bħala valur monetarju {DECIMAL-11/10} fil-każ li l-prezz jiġi espress bħala perċentwal jew rendiment {DECIMAL-18/17} fil-każ li l-prezz jiġi espress bħala punti bażi "PNDG" fil-każ li ma jkunx disponibbli l-prezz
32	Il-valuta tal-prezz tal-eżerċitar	Il-valuta tal-prezz tal-eżerċitar	{CURRENCYCODE_3}

N.	QASAM	IL-KONTENUT LI GĦANDU JIĠI RRAPPURTAT	IL-FORMAT U L-ISTANDARDS LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAR-RRAPPURTAR
33	Stil tal-eżerċizzju tal-opzjoni	Indikazzjoni dwar jekk l-opzjoni tistax tiġi eżerċitata biss f'data fissa (stil Ewropew u Ażjatiku), f'serje ta' dati speċifikati minn qabel (tal-Bermuda) jew fi kwalunkwe żmien matul haġet il-kuntratt (stil Amerikan). Din il-parti tapplika biss għall-opzjonijiet, għall-warrants u għaċ-ċertifikati ta' intitolament.	"EURO" — Ewropew "AMER" — Amerikan "ASIA" — Ażjatiku "BERM" — tal-Bermuda "OTHR" — Kull tip ieħor
34	Tip ta' konsenja	Indikazzjoni dwar jekk l-istrument finanzjarju jiġix saldat fiżikament jew fi flus kontanti. Meta ma tkunx tista' tiġi ddeterminata t-tip ta' konsenja fil-mument tal-eżekuzzjoni, il-valur għandu jkun "OPTL". Din il-parti hija applikabbli biss għad-derivattivi.	"PHYS" — Ħlas fiżiku "CASH" — Ħlas bi flus "OPTN" — Fakultattiva għall-kontroparti jew meta ddeterminata minn parti terza

#### Derivattivi ta' komoditajiet u ta' kwoti tal-emissjonijiet

35	Prodotti bażi	Prodott bażi għal klassi ta' assi sottostanti kif speċifikat fit-tabella tal-klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet u ta' kwoti tal-emissjonijiet.	Huma permessi biss il-valuri fil-kolonna tal-"Prodott bażi" tat-tabella tal-klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet.
36	Prodotti sekondarji	Il-Prodotti Sekondarji għall-klassi ta' assi sottostanti kif speċifikat fit-tabella ta' klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet u ta' kwoti tal-emissjonijiet. Il-parti tirrikjedi prodott bażi.	Huma permessi biss il-valuri fil-kolonna tal-"Prodotti Sekondarji" tat-tabella ta' klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet.
37	Prodotti sekondarji oħra	Prodotti sekondarji oħra għall-klassi ta' assi sottostanti kif speċifikat fit-tabella ta' klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet u ta' kwoti tal-emissjonijiet. Il-qasam jirrikjedi prodott sekondarju.	Huma permessi biss il-valuri taħt "Prodotti sekondarji oħra" fit-tabella ta' klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet.
38	Tip ta' tranżazzjoni	Tip ta' tranżazzjoni kif speċifikata miċ-ċentru tan-negożjar	"FUTR" — Futuri "OPTN" — Opzjonijiet "TAPO" — TAPOS "SWAP" — Swaps "MINI" — Minis "OTCT" — Barra l-borża "ORIT" — Outright "CRCK" — Crack "DIFF" — Differenzjal "OTHR" — Oħrajn
39	Tip ta' prezz finali	Tip ta' prezz finali kif speċifikat miċ-ċentri tan-negożjar	"ARGM" — Argus/McCloskey "BLTC" — Baltiku "EXOF" — Exchange "GBCL" — GlobalCOAL "IHSM" — IHS McCloskey "PLAT" — Platts "OTHR" — Oħrajn

N.	QASAM	IL-KONTENUT LI GĦANDU JIĠI RRAPPURTAT	IL-FORMAT U L-ISTANDARDS LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAR-RAPPURTAR
----	-------	---------------------------------------	--

**Derivattivi tar-rati tal-imgħax**

— Il-partijiet ta' din it-taqsimha għandhom jimtlew biss għall-istrumenti li bħala sottostanti jkollhom strument mhux finanzjarju tat-tip tar-rati tal-imgħax.

40	Rata ta' referenza	Isem tar-rata ta' referenza.	{INDEX} Jew {ALPHANUM-25}- jekk ir-rata ta' referenza ma tkunx inkluża fil-lista {INDEX}
41	Terminu ta' żmien tal-kuntratt tar-rata tal-imgħax	Jekk il-klassi tal-assi hija tar-Rati tal-imgħax, din il-parti tindika t-terminu ta' żmien tal-kuntratt. It-terminu ta' żmien għandu jiġi espress f'jiem, ġimgħat, xhur jew snin.	{INTEGER-3}+"DAYS" — jiem {INTEGER-3}+"WEEK" — ġimgħat {INTEGER-3}+"MNTH" — xhur {INTEGER-3}+"YEAR" — snin
42	Valuta nozzjonali 2	Fil-każ ta' swaps ta' valuti multipli jew ta' swaps bejn il-valuti, il-valuta li fiha jkun iddemominat is-segment 2 tal-kuntratt. Fil-każ ta' opzjonijiet fuq swaps fejn is-swap sottostanti tkun b'valuti multipli, il-valuta li fiha jkun iddemominat is-segment 2 tas-swap.	{CURRENCYCODE_3}
43	Rata fissa tas-segment 1	Indikazzjoni dwar ir-rata fissa użata għas-segment 1, jekk applikabbli.	{DECIMAL -11/10} Espressa bħala perċentwal (pereżempju 7.0 tfisser 7 % u 0.3 tfisser 0,3 %)
44	Rata fissa tas-segment 2	Indikazzjoni dwar ir-rata fissa użata għas-segment 2, jekk applikabbli	{DECIMAL -11/10} Espressa bħala perċentwal (pereżempju 7.0 tfisser 7 % u 0.3 tfisser 0,3 %)
45	Rata varjabbli tas-segment 2	Indikazzjoni dwar ir-rata tal-imgħax użata, jekk applikabbli.	{INDEX} Jew {ALPHANUM-25} — jekk ir-rata ta' referenza ma tkunx inkluża fil-lista {INDEX}
46	Terminu ta' żmien tal-kuntratt tar-rata tal-imgħax tas-segment 2	Indikazzjoni dwar il-perjodu ta' referenza tar-rata tal-imgħax, li tiġi stabbilita f'intervalli predeterminati apparagun tar-rata ta' referenza tas-suq. It-terminu ta' żmien għandu jiġi espress f'jiem, ġimgħat, xhur jew snin.	{INTEGER-3}+"DAYS" — jiem {INTEGER-3}+"WEEK" — ġimgħat {INTEGER-3}+"MNTH" — xhur {INTEGER-3}+"YEAR" — snin

**Derivattivi tar-rata tal-kambju**

— Il-partijiet f'din it-taqsimha għandhom jimtlew biss għall-istrumenti li bħala sottostanti jkollhom strument mhux finanzjarju tat-tip tar-rata tal-kambju.

47	Valuta nozzjonali 2	Il-parti għandha timtela bil-valuta sottostanti 2 tal-par ta' valuti (dik tal-valuta 1 timtela fil-parti 13 tal-valuta nozzjonali 1).	{CURRENCYCODE_3}
48	Tip FX	Tip ta' valuta sottostanti.	"FXCR" — FX Rati inkroċjati "FXEM" — FX Swieq emerġenti "FXMJ" — FX Majors